- *Avukat tal-Istat m'hemmx għalfejn jiġi nnotifikat b'ittra uffiċjali ex-Art181B(3) fi proċeduri t'appell*
- *- dritt t'appell mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni hu limitat*

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Appell Nru. 40/19 GM**

**Hanane Kuduzovic**

**vs**

**Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-**

***Expatriates Affairs***

Il-Qorti:

Permezz ta' deċiżjoni datata 22.01.2019 il-konvenut irrevoka permess ta' residenza f'Malta maħruġ fil-21.03.2018 favur Hanane Kudozovic, ta' nazzjonalita` Marokkina, li appellat minnha u, b'deċiżjoni tas-26.03.2019 il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, billi ma kellux informazzjoni biżżejjed biex jagħti deċiżjoni, bagħat l-atti lura lill-konvenut biex jirrevedi l-każ. B'ittra datata

28.03.2019 il-konvenut irriafferma d-deċiżjoni tiegħu għar-raġunijiet ivi msemmija. Bl-appell tagħha preżenti, Kuduzovic qiegħdha titlob lil din il-Qorti tħassar id-deċiżjonijiet imsemmija ġġedded il-permess ta' residenza tagħha.

Permezz tar-risposta tal-appell tiegħu, il-konvenut wieġeb li:

1. l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat bir-rikors tal-appell

2. l-appellanti m'għandhiex dritt li tappella

imbagħad issokta jqanqal għadd ta' tweġibiet fil-mertu.

Illi skont l-Art. 181B(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull att ġudizzjarju kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment involut u lill-Avukat tal-Istat.[1] Din il-Qorti taqbel ma' pronunzjament tagħha kif diversament ippreseduta li dan il-provvediment jirreferi għal "**konvenut**" jew "**intimat**" u għalhekk huwa maħsub mil-leġislatur li japplika għal proċeduri fil-prim'istanza biss u mhux ukoll m'atti fl-istanza tal-appell. "Hemm raġuni għal dan. Mentri fl-ewwel grad il-preżentata tar-risposta għall-att promotur tal-ġudizzju hi kollegata ma' terminu u li hu fatali, mhux l-istess ħaġa fil-każ ta' tweġiba għall-att introduttiv ta' appell billi hawn il-liġi ma tiffissa ebda terminu perentorju".[2] Fi kwalunkwe każ l-Avukat tal-Istat jaf b'dawn il-proċeduri tant li ffirma t-tweġiba. F'dan l-istadju notifika lilu ma tagħmel l-ebda differenza[3] Għalhekk l-ewwel preġudizzjali ma tistax tintlaqa';

Illi hu pprovdut mill-Art. 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta li d-

[1] Fid-data li fiha ġie ppreżentat dan l-Appell (06.05.2019), in-notifika kellha ssir lill-Avukat Generali. Il-liġi nbidlet fid-19.07.2019 permezz tal-Att XXV.2019.12 biex minflok jiġi nnotifikat l-Avukat tal-Istat

[2] Daham Al Hamed v Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni 26.06.2009 Qorti tal-Appell – Onor. Imħallef Philip Sciberras

[3] hekk diġa` rraġunat din il-Qorti in re: Mitra Tapan v. Direttur taċ-Ċittadinanza 16.12.2015 – Onor. Imħallef Anthony Ellul; u Mohammed Masood v. Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates 02.03.2017 – Onor. Imħallef Anthony Ellul

deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni għandhom ikunu finali – fi kliem ieħor mhumiex soġġetti għal reviżjoni minn Qorti tal-Appell - ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu ċittadini ta' Stati Membri jew persuni oħrajn imsemmija fl-Art. 4A(1)(ċ). L-appellant, li hi ta' nazzjonalita` Marokkina, hija *third country* national, u għalhekk ma taqax f'din il-klassifika ta' persuni. Għalhekk din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' dan l-appell[4].

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tieni eċċezzjoni u tiddikjara l-appell null, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca

[4] fl-istess sens iddeċidiet din il-Qorti, diversament ippreseduta, fit-tlett sentenzi ġja` msemmija - Daham Al Hamed v Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni; Mitra Tapan v. Direttur taċ-Ċittadinanza; u Mohammed Masood v. Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates.